## 28 ta' Mejju, 1960

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

George Cutajar et.

*versus*

Charles Maggi

**Appell — Provi Ġodda — "Jus Superveniens".**

*Huwa veru li, jekk il-Qorti tal-Appell tammetti li jerġgħu jinstemgħu xhieda dwar inċidenti ġodda li jinqatgħu wara s-sentenza appellata, jintilef 'l-benefiċċju tad-doppju eżami; hu veru wkoll illi, per regola, il-ġudizzju in sekonda istanza hu ġudizzju ta' reviżjoni tas-sentenza appellata fuq il-provi ġa mismugħa mill-Ewwel Qorti; imma hu ugwalment veru illi, jekk wieħed jipprospetta, għall-grazzja tal-argument, l-ipotesi li l-inċidenti ġa meħudin a bażi tal-istanza ma kienux biżżejjed biex jassodawha, allura jistgħu, talvolta, ikunu biżżejjed għal daqshekk l-inċidenti ġodda allegati mill-appellant. F'dan is-sens jista' jingħad li "jus superveniens firmat actionem".*

*Din it-teorija hi ormaj paċifika fil-ġurisprudenza lokali; basta li b'daqshekk ma jsirx tibdil fit-talba.*

Il-Qorti:— Fuq l-inċident verbalizzat fol. 26;

Ikkunsidrat;

L-*appellanti Cutajar talbu li jerġgħu jagħtu* x-xhieda tagħhom f'din is-sede dwar inċidenti ġodda li nqalgħu missentenza appellata l-hawn;

L-appellat oppona, għar-raġuni hemm verbalizzata;

Hu veru li dwar il-meritu ta' dawn l-inċidenti ġodda *jintilef il-benefiċċju tad-doppju eżami*; hu veru wkoll li, per regola, il-ġudizzju in sekonda istanza hu ġudizzju ta' reviżjoni tas-sentenza appellata fuq il-provi minnha ġa mismugħa. Imma hu ugwalment veru illi, jekk wieħed jipprospetta, għall-grazzja tal-argument, l-ipotesi li l-inċidenti ġa meħudin a bażi tal-istanza ma kienux biżżejjed biex jassodawha, allura jistgħu, talvolta, ikunu biżżejjed għal daqshekk l-inċidenti ġodda, allegati mill-appellanti; u f'dan is-sens jista' jingħad li "jus superveniens firmat actionem";

Din it-teorija tal-"Jus Superveniens" hi ormaj paċifika fil-ġurisprudenza lokali (ara Vol. VI, p. 389: XXIV-II-283; XXXI-I-588; XXXII-I-616 u 650; XXXIII-I-108; 195, u 252; XXXVII-I-435; XXXVIII-II-612). Basta li b'daqshekk ma jsirx tibdil fit-talba;

F'dan il-każ it-talba tibqa' l-istess, u l-kawża tibqa' nkwadrata kif inhi;

*Għalhekk tiddeċidi billi* tammetti l-provi *offerti*; spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.